# ŻRIQ JEW ŻRIEQ ?

F'*Il-Malti* ta' Ġunju, 1945, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi juri x-xewqa li niktbu *triq* u mhux *trieq* għaliex il-kelma ġejja mill-Għarbi *tariq* u mhux minn *tiraq*. Fl-istess għadd is-Sur A. Cremona jwieġeb li għalkemm din hi waħda mill-kelmiet li tista' tinkiteb b'mod jew ieħor, fl-użu kienet u għadha tinkiteb mill-aħjar kittieba *trieq*, u għalhekk, jissokta jgħid, aħjar niktbuha skond l-użu bla ma nfittxu l-etimoloġija (faċċ. 56-57).

Min irid ikun jaf xi ħaġa fuq l-istorja ta' ktib dil-kelma jaqra *Leħen il-Malti* ta' Mejju-Ġunju 1936, faċċ. 14 u 15. Minn hemm ikun jaf li l-kelma bdiet tinkiteb *triq*. Hekk kitibha Vassalli. Imbagħad bdiet tinkiteb *trieq* u damet ħafna tinkiteb hekk. Fit-*Tagħrif* (faċċ. 25) hemm regola li tgħid : Il-vokali *i* mkarkra qabel il-konsonanti *h*, *ħ*, *għ* u *q* f'tarf il-kelma, tinstema' bħal *ie* : imma għandha tinkiteb *i*. U fost l-eżempji hemm il-kelma *rqiq* (faċċ. 26) li tixbah lil *triq*. F. S. Caruana fi "Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-qosor" (*Il-Malti*, Diċembru, 1925, 116; stampat għalih fis-sena 1932) jagħti l-kelma *triq* bħala eżempju, għalkemm fit-tielet ħarġa stampata fis-sena 1934 jiktibha *trieq* (faċċ. 20). Il-għala l-kittieb biddel fehimtu ma jgħidx. Mela fil-waqt li għandna regoli li jgħidu li l-vokali *i* twila qabel il-*q* għandha tinkiteb *i*, ma għandna l-ebda regola u ma għandna l-ebda raġuni li *triq* għandha tinkiteb *trieq* ħlief l-użu tas-Sur Cremona u, kif igħid hu, tal-aħjar kittieba. Bir-rispett kollu lejn dawn il-kittieba jien nibqa' nikteb *triq*. U naf li jiktibha hekk ukoll Dr. Ġ. Aquilina, il-Professur tal-Kattedra tal-Malti.

P. P. SAYDON.

---

3. Niżżi ħajr lill-Prof. Ġ. Aquilina talli qalli b'din it-taqbila u talli ġabarli xi taqbil ieħor li jidher wara minn Għawdex.